MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 752/2004

**George Tonna**

***Versus***

***H & G Tonna partnership en nom collectif***

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi s-soċjetà konvenuta troddlu l-flus li ħareġ biex ħallas dejn tagħha.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenuta, li hija soċjetà *en nom collectif*, għandha tagħti lill-attur sitt elef, ħames mija u sitta u tmenin lira (Lm6,586), daqskemm l-attur ħallas fl-interess tagħha meta ħallas dejn tagħha kanonizzat b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fl-ismijiet **Peter Tonna *versus* George Tonna *nomine*** (ċitazzjoni numru 114/1984). Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuta biex tħallas, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu sitt elef, ħames mija u sitta u tmenin lira (Lm6,586), flimkien ma' l-imgħax fuq is-somma ta' tlitt elef, mitejn u erbatax-il lira u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm3,214.44) mill-4 ta' Lulju 2000 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż.

L-attur talab ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tat-12 ta' Novembru 2004 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u s-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. safejn l-azzjoni hija għar-radd ta' dak li ġie mħallas indebitament, waqgħet bi preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 1027 tal-Kodiċi Ċivili; u

2. xejn ma għandu jintradd lill-attur għax kull ħlas li għamel għamlu minn flus tas-soċjetà li kellu f'idejh.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-attur huwa msieħeb fis-soċjetà konvenuta, li hija soċjetà *en nom collectif*. Lis-soċjetà kien fittixha bil-qorti Peter Tonna, impjegat tagħha, u, b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 1999, is-soċjetà kienet kundannata tħallas lil Peter Tonna elfejn, disa' mija u dsatax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm2,919.60) paga u *bonus*, mitejn u erbgħa u disgħin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm294.84) kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-imgħax u l-ispejjeż tal-kawża. Inħarġu mandati esekuttivi u ntlaqtu wkoll beni ta' l-attur *proprio*, u l-attur fl-4 ta' Lulju 2000 ħallas id-dejn tas-soċjetà, li kien tela' għal sitt elef, ħames mija u sitta u tmenin lira (Lm6,586). Issa l-attur qiegħed jitlob illi s-soċjetà konvenuta troddlu dawn il-flus li ħareġ fl-interess tagħha biex ħallas dejn tagħha.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid illi l-attur kellu flus tagħha f'idejh u d-dejn kien ħallsu b'dawk il-flus.

Il-qorti iżda hija tal-fehma illi ma nġiebet ebda prova illi l-flus li bihom ħallas l-attur kienu flus tas-soċjetà u mhux flus tiegħu.

L-attur, għalkemm formalment baqa' soċju, kien effettivament irtira fl-1988, u r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta xehed illi mill-1988 'l hawn is-soċjetà la għamlet qligħ u lanqas qassmet xejn lill-attur.

Tassew illi l-konvenuta tgħid illi l-attur kien jirċievi ħlas ta' flejjes li kienu jmissu lilha, u wriet ukoll dokumenti li juru dawn il-ħlasijiet. Id-dokumenti li wriet il-konvenuta, iżda, huma kollha dwar snin qabel l-1988, u l-qorti ma tarax illi seta' wisq ikun illi mill-1988, meta waqaf mix-xogħol mas-soċjetà, sal-2000, meta ħallsilha d-dejn, l-attur kien żamm f'idejh flus tas-soċjetà u din ma talbitu mqar rendikont tagħhom b'azzjoni taħt l-artt. 389 *et seqq.* tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Lanqas ma huwa l-każ illi l-eżerċizzju li kien isir f'dik l-azzjoni, li kieku saret, għandu jsir fl-azzjoni tallum, kif jidher li qiegħda tippretendi l-konvenuta għalkemm lanqas inqdiet bl-azzjoni tallum biex tressaq talba għalhekk b'rikonvenzjoni. Barra minn hekk, il-ħlas kien sar b'*cheque* miġbud fuq kont ta' l-attur *proprio*, u ma nġibitx prova illi f'dak il-kont kien hemm flus tas-soċjetà.

Billi, fil-fehma tal-qorti, il-konvenuta ma għamlitx prova illi l-ħlas tassew sar minn flus tagħha li kienu f'idejn l-attur, it-tieni eċċezzjoni hija miċħuda.

Il-konvenuta ressqet ukoll eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 1027 tal-Kodiċi Ċivili. Din hija l-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni għar-radd ta' dak li tħallas bla ma jmiss — *indebiti solutio*:

**1027.** L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.

Din il-preskrizzjoni, fil-fehma tal-qorti, tolqot l-azzjoni, taħt l-art. 1022(1) tal-Kodiċi Ċivili, magħmula minn dak li jħallas bi żball — is-*solvens* — kontra dak li lilu jkun sar il-ħlas — l-*accipiens*; ma tolqotx l-azzjoni — bħal dik tallum — kontra dak illi fl-interess tiegħu jkun sar il-ħlas.

Billi għalhekk il-preskrizzjoni taħt l-art. 1027 tal-Kodiċi Ċivili ma tolqotx il-każ tallum, il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

Billi mill-provi irriżulta illi tassew illi l-attur ħallas dejn tas-soċjetà konvenuta, u l-konvenuta għalhekk stagħniet bit-telf ta' l-attur, il-konvenuta għandha trodd lill-attur dak illi ħallas fl-interess tagħha, u t-talba ta' l-attur għandha tintlaqa'.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur sitt elef, ħames mija u sitta u tmenin lira (Lm6,586) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------